A.L. 100 tal-2010

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

ATT DWAR Il-PORTIJIET U L-BASTIMENTI (KAP. 352)

Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43(3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-artikolu 27 tal-Att dwar il-Portijiet u l-Bastimenti, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titlu, bidu fis-seħħ u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2010.

(3) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu regolati l-irmiġġaturi, is-servizzi provduti mill-irmiġġaturi u t-tariffi għal dawn is-servizzi.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 499.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kif stabbilita bl-Att;

"bastiment" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fl-Att;

"bdot" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fl-Att;

"Bord" tfisser il-Bord dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ mwaqqaf skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3;

"età tal-pensjoni statutarja" tfisser dik l-età li fiha persuna ssir eliġibbli biex tirċievi sigurtà soċjali tal-pensjoni tal-irtirar obbligatorja skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;

"irmiġġatur" tfisser persuna li jkollha liċenza skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti sabiex tipprovdi servizzi ta' rmiġġ;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-portijiet u t-tbaħħir;

"port" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fl-Att;

"servizz ta' rmiġġ" tfisser l-att, esegwit minn irmiġġatur, sabiex jassisti kaptan ta' bastiment u, jew pilota sabiex jirmiġġa, iħoll mill-irmiġġ jew ibiddel l-irmiġġ tal-bastiment;

"tariffa għal servizz ta' rmiġġ" tfisser l-ammont sħiħ dovut mill-bastiment għall-provvista tas-servizz ta' rmiġġ kif speċifikat fl-Iskeda u għandha tinkludi l-kontribuzzjonijiet soċjali dovuti skond ir-regolament 29 u ħlasijiet oħra li jistgħu jkunu mitluba mill-Awtorità f'konnessjoni ma' servizz ta' irmiġġ.

Bord dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ.

3. (1) Qiegħed b'dan jitwaqqaf bord, li jissejjaħ Bord dwar is-Servizz ta' Rmiġġ, hawn aktar 'l isfel imsejjaħ il-Bord, li għandu jeżerċita u jaqdi l-funzjonijiet mogħtija lilu b'dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Bord għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) *Chairman* appuntat mill-Ministru;

(b) membru nominat mill-Awtorità;

(ċ) membru nominat mill-irmiġġaturi; u

(d) segretarju li ma jkollux jedd li jivvota li għandu jiġi maħtur mill-Ministru.

(3) Il-Bord għandu jeżerċita u jaqdi dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) imexxi eżamijiet dwar l-għoti ta' liċenzi lil irmiġġaturi prospettivi u jagħti pariri lill-Awtorità dwar dan;

(b) jaħtar listi ta' eżaminaturi għall-fini tal-eżamijiet hawn qabel imsemmija;

(ċ) imexxi proċedimenti ta' dixxiplina dwar l-irmiġġaturi skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(d) jagħti parir lill-Awtorità dwar il-pieni lil irmiġġaturi misjuba ħatja ta' ksur ta' dixxiplina li minn żmien għal żmien jistgħu jkunu ordnati;

(e) jagħti parir lill-Awtorità dwar kull ħaġa li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tirriferilu dwar is-servizzi ta' rmiġġ; u

(f) jaqdi dawk il-funzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu ordnati lilu minn żmien għal żmien.

(4) Il-quorum tal-Bord għandu jkun magħmul miċ-*Chairman* u ż-żewġ membri.

(5) Il-Bord għandu jasal għad deċiżjonijiet tiegħu b'vot ta' maġġoranza.

(6) Il-Bord għandu jiltaqa' skond ma jkun meħtieġ f'dik id-data, ħin u lok li ċ-*Chairman* jista' jappunta.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Bord jista' xort'oħra jirregola l-proċedura tiegħu stess.

Talba biex jattendi rmiġġatur.

4. It-talba biex jattendi rmiġġatur għandha ssir minn dawk il-persuni li għandhom iħallsu t-tariffa għal servizzi ta' rmiġġ skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 27.

Ċaqliq ta' bastimenti.

5. Irmiġġatur m'għandux jirmiġġa jew ineħħi mill-irmiġġi tiegħu xi bastiment mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità u tal-persuna li tkun talbet is-servizzi tiegħu.

Il-bdoti jikkontrollaw lill-irmiġġaturi.

6. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' liġi jew regolamenti oħra, bdot għandu, meta jiġi assenjat operazzjoni, jitqies li għandu kontroll sħiħ fuq l-irmiġġaturi li jingħatawlu għal dik l-operazzjoni.

(2) L-irmiġġaturi għandhom jobdu kull ordni u istruzzjoni legali u leġittima mogħtija mill-bdot waqt dik l-operazzjoni.

Livell ta' attenzjoni u taħriġ.

7. Meta jkun qed jagħti servizzi ta' rmiġġ, kull irmiġġatur għandu jeżerċita livell għoli ta' attenzjoni u ħila.

Rapporti ta' inċidenti.

8. (1) Irmiġġatur għandu b'mod immedjat javża lill-Awtorità u lill-irmiġġatur ewlieni dwar kull inċident li jinvolvi l-bastiment li jkun qed iservi miegħu, partikolarment inċidenti jew aċċidenti li setgħu rriżultaw fi ħsara lil persuna jew mewt jew ħsara lill-faċilitajiet tal-port jew proprjetà ta' terzi, u kull ħabta li għal ftit ma tkunx saret jew kull tħassib fir-rigward tat-tbaħħir kif espress mill-Kaptan jew mill-Pilota waqt li jkun qiegħed jippilota l-vapur.

(2) Dak l-avviż għandu jkun segwit b'rapport formali bil-miktub li għandu jasal għand l-Awtorità u l-irmiġġatur ewlieni mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li jiġri dak l-inċident jew aċċident.

(3) Ir-rapport imsemmi f'dan ir-regolament ma jkun għad-dispożizzjoni ta' ebda persuna għajr dawk imniżżla fis-subregolamenti (1) u (2) ħlief b'ordni ta' qorti kompetenti.

(4) Minkejja kull proċedimenti li jistgħu jittieħdu taħt kull liġi oħra, l-Awtorità tista' tieħu azzjoni dixxiplinari kontra kull irmiġġatur li jonqos milli jħares id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Skali ta' nies.

9. (1) Il-Bord għandu jistabbilixxi l-iskali ta' nies meħtieġa għal servizzi ta' rmiġġ speċifiċi li jingħataw mill-irmiġġaturi.

(2) Meta jistabbilixxi dawk l-iskali ta' nies, il-Bord għandu jqis id-daqs tal-bastiment u l-irmiġġ fejn bastimenti jkunu marbuta.

Twaqqif tal-Korp tal-Irmiġġaturi.

10. (1) Għandu jitwaqqaf Korp tal-Irmiġġaturi li jkun magħmul mill-irmiġġaturi kollha li jkollhom liċenza.

(2) L-għadd tal-irmiġġaturi għandu jkun biżżejjed biex jiġu provduti servizzi ta' rmiġġ fil-pront u effiċjenti.

(3) Il-Bord għandu jiddeċiedi l-għadd ta' rmiġġaturi meħtieġa li jistgħu jipprovdu servizzi ta' rmiġġ fil-pront u effiċjenti.

(4) Il-Korp tal-Irmiġġaturi għandu jipprovdi servizzi ta' rmiġġ li jistgħu jiġu deċiżi mill-Awtorità.

Irmiġġatur ewlieni.

11. (1) Wieħed mill-irmiġġaturi jkun l-irmiġġatur ewlieni.

(2) L-irmiġġaturi kollha għandhom jagħżlu wieħed fosthom b'elezzjoni biex jimla l-post ta' rmiġġatur ewlieni.

(3) L-Awtorità tista' taħtar lill-irmiġġatur hekk elett bħala l-irmiġġatur ewlieni:

Iżda l-Awtorità tista' tirrifjuta li taħtar lill-irmiġġatur hekk elett u tista' titlob lill-irmiġġaturi jeleġġu lil ħaddieħor.

(4) Jekk l-irmiġġaturi jonqsu milli jeleġġu fi żmien stabbilit mill-Awtorità irmiġġatur biex ikun l-irmiġġatur ewlieni, l-Awtorità tista' taħtar hija stess irmiġġatur biex ikun l-irmiġġatur ewlieni.

(5) L-irmiġġatur ewlieni jista' jiġi maħtur għal żmien li jiġi stabbilit mill-Awtorità. L-Awtorità tista' testendi l-ħatra tal-irmiġġatur ewlieni għal aktar minn dak iż-żmien stabbilit.

(6) L-Awtorità tista' tneħħi lill-irmiġġatur ewlieni mill-kariga tiegħu jekk dan iġib ruħu hekk li ma jibqax adatt biex iżomm dik il-kariga.

(7) Meta tqis jekk irmiġġatur ikunx tajjeb għall-kariga ta' rmiġġatur ewlieni, l-Awtorità għandha tqis l-anzjanità, l-esperjenza u l-ħila tiegħu li jesprimi ruħu b'mod ċar.

Dmirijiet tal-irmiġġatur ewlieni.

12. L-irmiġġatur ewlieni għandu, b'żjieda mad-dmirijiet normali tiegħu bħala rmiġġatur, jaqdi dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sorveljanza tal-irmiġġaturi;

(b) id-dixxiplina u l-bonordni fost l-irmiġġaturi;

(ċ) ir-rosters li fuqhom l-irmiġġaturi jingħataw ix-xogħol;

(d) it-tħaddim effiċjenti tat-tagħmir użat mill-irmiġġaturi fix-xogħol tagħhom;

(e) il-manutenzjoni ta' kuljum tat-tagħmir sabiex dan it-tagħmir jinżamm fi stat u f'kundizzjoni tajba għax-xogħol;

(f) imexxi l-amministrazzjoni tal-Korp tal-Irmiġġaturi;

(g) iżomm reġistri tal-attendenza tal-irmiġġaturi u jwassal listi ta' assenzi kif ikun meħtieġ mill-Awtorità;

(h) jipprovdi lill-Awtorità b'dak it-tagħrif statistiku li jista' jkun meħtieġ;

(i) jipprovdi lill-Awtorità bi prospetti perjodiċi tal-qligħ tal-membri tal-Korp tal-Irmiġġaturi u tal-ispejjeż li jsiru mill-Korp;

(j) jakkwista tagħmir ieħor li jista' jenħtieġ minn żmien għal żmien;

(k) jirraporta minnufih lill-Awtorità kull difett u waqfien ta' dak it-tagħmir u jiżgura li dawk it-tiswijiet isiru minnufih;

(l) iżomm dawk il-kotba ta' kontijiet u reġistri kif ikun meħtieġ mill-Awtorità minn żmien għal żmien;

(m) iżomm il-kontijiet tar-rimunerazzjoni riċevuti għas-servizzi provduti mill-Korp tal-Irmiġġaturi;

(n) iqassam dak li jidħol minn dik ir-rimunerazzjoni bejn l-irmiġġaturi skond dawk l-arranġamenti li jistgħu jkunu miftiehma minn maġġoranza tal-membri tal-Korp tal-Irmiġġaturi jew skond kull ftehim ieħor bil-miktub u kif approvat mill-Awtorità;

(o) iħallas dawk l-ispejjeż li fil-fatt ikunu saru kif imiss mill-Korp tal-Irmiġġaturi dwar is-servizzi ta' rmiġġ;

(p) iħares kull direttiva mogħtija lilu mill-Awtorità dwar is-servizz ta' rmiġġ; u

(q) jaqdi dawk id-dmirijiet l-oħra li minn żmien għal żmien jistgħu jinqalgħu dwar il-funzjonijiet tal-Korp tal-Irmiġġaturi.

Għases bix-xift.

13. (1) L-irmiġġaturi għandhom jaħdmu erbgħa u għoxrin siegħa kull jum fuq bażi ta' xift, u kull xift ikun magħruf bħala "l-għassa".

(2) In-numru ta' għases li jinħadmu, kemm ddum kull għassa u l-għadd ta' rmiġġaturi f'kull għassa, għandhom jiġu stabbiliti mill-Bord.

(3) Ebda rmiġġatur ma għandu jassenti ruħu minn dmirijietu matul l-għassa tiegħu mingħajr il-permess tal-irmiġġatur ewlieni.

(4) Fil-każ ta' assenza minħabba mard, irmiġġatur għandu fi żmien tliet ijiem minn dik l-assenza jipproduċi lill-irmiġġatur ewlieni ċertifikat mediku maħruġ minn tabib maħtur mill-Awtorità.

(5) Irmiġġaturi li ma jkunux tal-għassa jistgħu jkunu mitluba li jattendu barra mill-għassa tagħhom kif u meta jkunu meħtieġa.

(6) L-Awtorità tista' tieħu dik l-azzjoni dixxiplinari kontra rmiġġatur li jonqos milli jħares id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Tagħmir għall-irmiġġaturi.

14. (1) L-irmiġġaturi għandhom jipprovdu u jżommu fi stat u kundizzjoni tajba għax-xogħol dak it-tagħmir tal-komunikazzjoni u tagħmir ieħor li bihom ikunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' rmiġġ effiċjenti, skond dawk l-ordnijiet li l-Awtorità tista' tagħti minn żmien għal żmien.

(2) Jekk l-irmiġġaturi jonqsu milli jħarsu xi ordni mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), l-Awtorità tista' tipprovdi dak it-tagħmir ta' komunikazzjoni u tagħmir ieħor li jistgħu jkunu hekk meħtieġa u l-Awtorità tista' tnaqqas dawk l-ispejjeż mid-drittijiet tal-irmiġġ.

(3) Ikun id-dmir tal-irmiġġatur ewlieni li jiżgura li dak it-tagħmir tal-komunikazzjoni u t-tagħmir l-ieħor jinżammu fi stat u kundizzjoni tajba għax-xogħol.

L-irmiġġaturi jilbsu uniformi.

15. (1) L-irmiġġaturi għandhom jilbsu uniformi waqt li jkunu fuq ix-xogħol.

(2) L-għamla ta' dik l-uniformi għandha tiġi stabbilita mill-Bord.

(3) Il-Bord jista' jistabbilixxi liema oġġetti tal-uniformi jistgħu jiġu provduti lill-irmiġġaturi mingħajr ħlas.

(4) Jittieħdu passi dixxiplinari kontra dawk l-irmiġġaturi li, waqt ix-xogħol, jonqsu milli jilbsu l-uniformi kollha u sħiħa kif stabbilita mill-Bord, jew li b'xi mod iwaqqgħu l-ġieħ ta' dik l-uniformi.

Skema għall-korrimenti fil-persuna.

16. (1) Irmiġġaturi jistgħu jissottoskrivu għal polza ta' assigurazzjoni personali li tkun tipprovdi benefiċċji għalihom stess u, jew għal dipendenti tagħhom f'każ ta' telf ta' ħajja jew korrimenti li jirriżultaw direttament minn xogħolhom jew mill-mard.

(2) Dik il-polza għal assigurazzjoni personali tkun f'dik l-għamla li tista' tiġi approvata mill-Bord.

(3) Ħamsin fil-mija mill-premju li jitħallas għal dik l-assigurazzjoni għandu jitħallas mill-irmiġġaturi assigurati filwaqt li l-ħamsin fil-mija l-oħra jitħallsu mill-Fond ta' Stabbilizzazzjoni mwaqqaf bir-regolamenti 32.

Liċenza tal-irmiġġaturi.

17. (1) Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' toħroġ liċenzi lil persuni biex jiffurmaw parti mill-Korp tal-Irmiġġaturi.

(2) Ħadd m'għandu jkollu liċenza biex iservi bħala rmiġġatur fil-Korp tal-Irmiġġaturi kemm-il darba:

(a) ma jkunx ċittadin tal-Unjoni Ewropea;

(b) ma jkollux aktar minn tmintax-il sena;

(ċ) ma jġibx prova sodisfaċenti ta' karattru tajjeb u ta' serjetà fl-imġiba tiegħu billi jipprovdi ċertifikat ta' kondotta tajba maħruġ mill-Pulizija; u

(d) ma jiġix dikjarat li jkun fiżikament b'saħħtu biex jaqdi d-dmirijiet ta' irmiġġatur, minn bord mediku appuntat mill-Awtorità.

(3) Ebda persuna m'għandha tingħata liċenza ta' rmiġġatur jekk dik il-persuna tkun ġiet misjuba ħatja ta' serq jew frodi.

(4) Il-persuna li tinħarġilha liċenza għandha tħallas lill-Awtorità dak il-ħlas li jiġi stabbilit minn żmien għal żmien mill-Awtorità.

(5) Dik il-liċenza tista' tiġi revokata mill-Awtorità skond m'hemm f'dawn ir-regolamenti.

(6) Meta toħroġ liċenza taħt dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' żżid mal-liċenza dawk il-kondizzjonijiet li jidhrulha xierqa.

Eżami mediku u l-età tal-irtirar.

18. (1) L-Awtorità għandha taħtar bord mediku biex jeżamina jekk irmiġġatur ikunx fiżikament tajjeb biex jaqdi dmirijietu sewwa kull meta l-Awtorità hekk teħtieġ.

(2) Jekk il-bord mediku jiċċertifika li rmiġġatur ma jkunx aktar tajjeb għall-qadi ta' dmirijietu, l-Awtorità għandha tħassar il-liċenza ta' dak l-irmiġġatur.

(3) L-età tal-irtirar ta' rmiġġatur hija dik meta jilħaq l-età tal-pensjoni statutarja.

Revoka u sospensjoni tal-liċenza ta' rmiġġatur.

19. (1) Il-liċenza maħruġa lil irmiġġatur għandha titħassar awtomatikament mill-Awtorità meta l-irmiġġatur jirriżenja jew jirtira meta jilħaq l-età tal-pensjoni statutarja, jew jekk dak l-irmiġġatur jinsab li ma jkunx fiżikament b'saħħtu biex jaqdi dmirijietu.

(2) L-Awtorità tista' wkoll tissospendi jew tirrevoka l-liċenza maħruġa lil irmiġġatur b'riżultat ta' deċiżjoni minn Kumitat ta' Dixxiplina li jwaħħal penali li tkun tikkonsisti fis-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenza, jew jekk l-irmiġġatur jonqos milli jmur għal-qadi ta' dmirijietu għal aktar minn sena. Dik il-liċenza, jekk tiġi hekk revokata, għandha ttemm milli jkollha effett mid-data ta' dik id-deċiżjoni tal-Awtorità u, jekk tiġi hekk sospiża, għandha tkun bla effett tul il-perijodu li matulu tkun ġiet sospiża.

(3) Bla ħsara għal kull kundizzjoni li l-Kumitat ta' Dixxiplina jista' jagħmel, l-Awtorità tista' toħroġ mill-ġdid liċenza lil-irmiġġatur li jkollu l-liċenza tiegħu revokata taħt is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(4) Liċenza maħruġa lil irmiġġatur għandha tingħata lura lill-Awtorità meta għal xi raġuni din tiġi mħassra, sospiża jew revokata. F'każijiet bħal dawk, il-liċenza għandha tintradd lura lill-Awtorità fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa.

(5) Irmiġġatur li kellu l-liċenza tiegħu mħassra, sospiża jew revokata jkollu dritt jappella quddiem il-Bord mid-deċiżjoni tal-Awtorità jew tal-Kumitat ta' Dixxiplina billi jagħmel rikors fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jiġi avżat bid-deċiżjoni.

Proċedimenti dixxiplinari.

20. L-Awtorità għandha tibda proċedimenti dixxiplinari kontra kull irmiġġatur li jagħmel parti mill-Korp tal-Irmiġġaturi u li jkun kiser xi dispożizzjoni ta' dawn ir regolamenti, jew li waqt jew f'dak li għandu x'jaqsam mad-dmirijiet tiegħu jkun negliġenti jew iġib ruħu b'mod mhux xieraq, jew jonqos milli jħares xi ordni mogħtija mill-Awtorità.

Id-dixxiplina tkun f'idejn il-Kumitat ta' Dixxiplina.

21. (1) Proċedimenti dixxiplinari għandhom ikunu f'idejn il-Kumitat tad-Dixxiplina:

Iżda f'każijiet ta' ksur serju tad-dmirijiet tal-irmiġġaturi, l-Awtorità għandha s-setgħa li tissospendi temporanjament il-liċenza ta' rmiġġatur sakemm tittieħed azzjoni dixxiplinari mill-Kumitat tad-Dixxiplina.

(2) L-Awtorità għandha taħtar Kumitat tad-Dixxiplina magħmul minn mhux anqas minn tlett membri, li wieħed minnhom għandu jkun iċ-*Chairman* tal-Kumitat:

Iżda f'xi każ partikolari, ebda persuna li tkun bdiet l-azzjoni dixxiplinari jew li jkollha xi interess personali f'dak il-każ ma tkun tista' toqgħod fuq il-Kumitat tad-Dixxiplina maħtur biex jisma' dak il-każ.

(3) Ikun id-dmir tal-Kumitat tad-Dixxiplina li:

(a) jistħarreġ il-każijiet li jinġiebu quddiemu;

(b) iħarrek xhieda;

(ċ) jisma' xhieda bil-ġurament;

(d) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità fuq il-każijiet li jkun stħarreġ.

(4) Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu skond is-subregolament (3)(b) u (ċ), il-Kumitat tad-Dixxiplina jkollu l-istess setgħat kif mogħtija bil-liġi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

Iżda:

(a) il-Kumitat tad-Dixxiplina ma jkollu f'ebda każ is-setgħa għad-detenzjoni ta' xi persuna; u

(b) id-dmirijiet tal-purtier tal-qorti u ta' marixxall tal-qorti għandhom jiġu esegwiti minn membri tal-Korp tal-Pulizija.

(5) Iċ-*Chairman* tal-Kumitat tad-Dixxiplina għandu jiffirma it-taħrika tax-xhieda u jagħtihom il-ġurament.

(6) Il-Kumitat tad-Dixxiplina għandu jmexxi x-xogħol tiegħu stess skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(7) L-Awtorità għandha tikkonsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tad-Dixxiplina u għandha mbagħad tieħu dik id-deċiżjoni dixxiplinari skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(8) Id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat ta' Dixxiplina għandhom ikunu finali u konklużivi.

(9) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Kumitat tad-Dixxiplina għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

Pieni.

22. (1) Jekk irmiġġatur jinsab ħati li jkun kiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Att jew ta' dawn ir-regolamenti, jew jekk waqt jew dwar id-dmirijiet tiegħu jinsab ħati li kien negliġenti jew li jkun ġab ruħu mhux b'mod xieraq, jew li jkun naqas li jħares xi ordni mogħtija mill-Awtorità, il-Kumitat tad-Dixxiplina jista', mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, jirrakkomanda lill-Awtorità biex timponi pieni amministrattivi u:

(a) twaħħal lil dak l-irmiġġatur penali ta' mhux inqas minn sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59); u, jew

(b) tissospendilu l-liċenza għal żmien ta' mhux inqas minn għaxart ijiem u mhux iżjed minn tliet xhur matul liema żmien ma titħallas ebda rimunerazzjoni u ma tiġi rċevuta ebda rimunerazzjoni minn dak l-irmiġġatur; jew

(ċ) tħassarlu l-liċenza minnufih.

(2) Kull piena amministrattiva mogħtija mill-Awtorità skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tingħabar mill-Awtorità bħala dejn ċivili.

Proċedimenti kriminali.

23. Kull proċediment dixxiplinari li jittieħed kontra rmiġġatur taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull proċediment kriminali li jista' jittieħed kontrih taħt l-Att jew kull liġi oħra; u kull proċediment li jittieħed taħt xi liġi bħal dik għandu jkun mingħajr preġudizzju għal dawk il-proċedimenti dixxiplinari.

Tħassir awtomatiku ta' liċenza.

24. Il-liċenza ta' rmiġġatur titħassar awtomatikament jekk irmiġġatur jinsab jew jiġi dikjarat ħati ta' serq jew frodi:

Iżda fil-każ tal-ewwel reat dwar ammont li ma jkunx aktar minn sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99), dak l-irmiġġatur jiġi sospiż mill-Awtorità għal żmien ta' mhux inqas minn għaxart ijiem u ta' mhux iżjed minn tliet xhur.

Amministrazzjoni tat-tariffa għal servizzi ta' rmiġġ.

25. L-amministrazzjoni, ġbir u rkupru tat-tariffa għal servizzi ta' rmiġġ u l-ħruġ tal-flus li jidħlu minn dik it-tariffa għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Awtorità.

Tariffa għal servizzi ta' rmiġġ.

26. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir regolamenti, il-ħlas għal servizzi ta' rmiġġ u għal xogħol ieħor li għandu x'jaqsam ma' dawn is-servizzi għandu jkun skond it-tariffa għal servizzi ta' rmiġġ li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Il-persuni li għandhom iħallsu d-drittijiet għal servizzi ta' rmiġġ.

27. (1) It-tariffa għal servizzi ta' rmiġġ għandha titħallas direttament lill-Awtorità fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data tal-fattura:

(a) mis-sid, kerrej, kaptan jew aġent ta' bastiment li dwaru jkunu ngħataw is-servizzi ta' rmiġġ; jew

(b) mill-persuna li titlob is-servizzi ta' rmiġġ dwar bastiment; jew

(ċ) il-persuna li tkun għamlet xi servizz fl-interessi ta' bastiment li dwaru jkunu ngħataw is-servizzi ta' rmiġġ.

(2) Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li għandhom jitħallsu mill-persuni msemmija fis-subregolament (1) għandhom jiffurmaw parti mit-tariffa.

(3) L-Awtorità tista' titlob interessi fuq tariffi ta' servizzi ta' rmiġġ dovuti jew fuq ħlasijiet oħra li jibqgħu lura pagabbli lill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti mid-data meta tiġi preżentata l-fattura sakemm isir il-ħlas kollu bir-rata ta' tnejn fil-mija kull xahar jew parti minn xahar.

Depożitu jew garanzija bankarja.

28. (1) L-Awtorità tista' teħtieġ lil kull persuna, li skond ir regolament 27 jkollha tħallas it-tariffa għal servizzi ta' rmiġġ, li tagħmel depożitu jew tagħti garanzija bankarja maħruġa minn bank lokali favur l-Awtorità għal dak l-ammont li jidhrilha li jkun biżżejjed biex ikopri l-ħlas ta' dik it-tariffa.

(2) L-Awtorità tista' tiġbor kull tariffa għal servizzi ta' rmiġġ minn dak id-depożitu jew garanzija bankarja jekk dik it-tariffa ma titħallasx fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data tal-fattura.

(3) Kull meta l-Awtorità tieħu dik il-miżura, hija għandha malajr tagħti lill-persuna li tkun għamlet id-depożitu jew tat il-garanzija bankarja rendikont ta' dawk il-ħlasijiet miġbuda minn hemm, u dik il-persuna għandha, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta tiġi hekk avżata mill-Awtorità, iġġib lura d-depożitu jew il-garanzija bankarja tagħha għall ammont oriġinali.

(4) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati quddiem qorti, jeħel multa ta' mhux anqas minn mitejn euro (200) iżda ta' mhux iżjed minn tnax-il elf euro (12,000).

Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

29. (1) L-Awtorità għandha tagħmel tnaqqis mill-qligħ tal-irmiġġaturi li jiffurmaw parti mill-Korp tal-Irmiġġaturi, hawnhekk

iżjed 'il quddiem imsejjaħ "tnaqqis tas-sigurtà soċjali", ta' wieħed minn għaxra tal-qligħ bażiku tagħhom, jew ta' dik il-frazzjoni l-oħra ta' dak il-qligħ bażiku li tista' minn żmien għal-żmien tkun daqs ir-rata ta' kontribuzzjonijiet (espressa bħala frazzjoni tal-qligħ bażiku) li titħallas minn persuna impjegata skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Malli jsir it-tnaqqis tas-sigurtà soċjali, dawk l-irmiġġaturi għandhom jitqiesu li jkunu wettqu l-obbligu tagħhom dwar kontribuzzjonijiet li jitħallsu minn persuni impjegati taħt l-imsemmi Att dwar is-Sigurtà Soċjali għall-perijodu li minnu jkun sar it-tnaqqis tas-sigurtà soċjali mill-qligħ bażiku.

(2) L-Awtorità għandha tiġbor mingħand il-persuni li skond ir-regolament 27 għandhom l-obbligu li jħallsu d-drittijiet tal-irmiġġ, dritt hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-imposta tas sigurtà soċjali" li jkun daqs wieħed minn għaxra (jew dik il-frazzjoni l-oħra li tkun daqs il-frazzjoni li tittieħed biex isir it-tnaqqis tas-sigurtà soċjali mill-qligħ tal-irmiġġaturi skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament) tad-drittijiet tal-irmiġġ dovuti minnhom. Mal-ħlas tal-imposta tas-sigurtà soċjali minn dawk il-persuni jitwettaq l-obbligu tagħhom dwar kontribuzzjonijiet dovuti minnhom bħala prinċipali tal-irmiġġaturi skond l-Att u skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali dwar il-perijodu kopert bid-drittijiet hekk imħallsa.

(3) L-Awtorità tista' tagħmel it-tnaqqis tas-sigurtà soċjali u tiġbor l-imposta tas-sigurtà soċjali fl-istess ħin mal-ġbir tad-drittijiet tal-irmiġġ li għandhom jinġabru taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Id-dħul li jintbagħat lill-irmiġġatur ewlieni.

30. (1) Wara li jsir it-tnaqqis tas-sigurtà soċjali skond ir-regolament 29(1), l-Awtorità għandha tibgħat il-bilanċ tad-dħul minn drittijiet għall-irmiġġ lill-irmiġġatur ewlieni.

(2) L-irmiġġatur ewlieni għandu juża dak id-dħul biex:

(a) iħallas dawk l-ispejjeż leġittimi li jsiru mill-Korp tal-Irmiġġaturi dwar il-provvista ta' servizzi ta' rmiġġ, inkluż l-uniformi u t-tagħmir kollu tal-irmiġġaturi;

(b) iħallas dawk l-*allowances* jew spejjeż oħra abbażi ta' ftehim milħuq mill-maġġoranza tal-irmiġġaturi li jkollhom liċenza li jiffurmaw parti mill-Korp tal-Irmiġġaturi u kif approvati mill-Awtorità; u

(ċ) iqassam il-bilanċ fost l-irmiġġaturi fis-servizz b'dak il-mod li jiġi approvat mill-Awtorità.

(3) L-irmiġġatur ewlieni għandu jżomm kontijiet ta' l-operazzjonijiet kollha speċifikati fis-subregolament (2) bil-mod li minn żmien għal żmien jiġi ordnat mill-Awtorità.

(4) L-Awtorità għandha taħtar awdituri biex jivverifikaw il-kotba kollha tal-kontijiet miżmuma mill-irmiġġatur ewlieni u dawk l-awdituri għandhom jippreżentaw lill-Awtorità rapport kif imiss bil-miktub u ċertifikat ta' verifika.

Hlas żejjed.

31. (1) Ebda rmiġġatur m'għandu jitlob jew jirċievi xi drittijiet jew rimunerazzjoni oħra dwar servizzi ta' rmiġġ barra minn dawk speċifikati fl-Iskeda.

(2) Kull irmiġġatur li jikser id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) jeħel, għal kull kontravenzjoni bħal dik, penali amministrattiva ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) kif l-Awtorità tista' timponi.

(3) Ebda persuna ma għandha tħallas lil xi irmiġġatur xi drittijiet jew rimunerazzjoni oħra dwar servizzi ta' rmiġġ barra minn dawk speċifikati fl-Iskeda.

(4) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3) tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja quddiem qorti, teħel multa ta' sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) għal kull reat bħal dak.

Fond ta' Stabbilizzazzjoni.

32. (1) Għandu jitwaqqaf fond li jkun magħruf bħala l-Fond ta' Stabbilizzazzjoni li għall-finijiet ta' dan ir-regolament ikun magħruf bħala "il-Fond".

(2) Persuni li għandhom iħallsu drittijiet għal irmiġġ għal dawk is-servizzi ta' rmiġġ mogħtija mill-Korp tal-Irmiġġaturi skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn r-regolamenti għandhom ukoll iħallsu lill-Awtorità imposta ta' għaxra fil-mija fuq l-ispejjeż gross li jsiru għal servizzi ta' rmiġġ.

(3) L-Awtorità għandha tqiegħed fil-Fond:

(a) it-tnaqqis tas-sigurtà soċjali magħmul skond ir-regolament 29(1);

(b) l-imposta tas-sigurtà soċjali miġbur skond ir-regolament 29(2); u

(ċ) dik il-parti mill-imposta miġbura skond is-subregolament (2) kif deċiż mill-Awtorità.

(4) Il-Fond ta' Stabbilizzazzjoni għandu jiġi amministrat mill-Bord.

(5) L-Awtorità għandha żżomm dawk il-kotba tal-kontijiet kif jiġu minn żmien għal żmien stabbiliti mill-Ministru.

(6) Għandhom jitħallsu mill-Fond:

(a) il-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu dwar l-irmiġġaturi taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali minn persuni impjegati u mill-prinċipali;

(b) kull bonus li għandu jitħallas lill-irmiġġaturi;

(ċ) l-attendenza barranija tal-irmiġġaturi meta hekk meħtieġa taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(d) ħamsin fil-mija tal-valur tal-polza tal-assigurazzjoni personali speċifikata fir-regolament 16;

(e) il-valur tal-uniformijiet maħruġa lill-irmiġġaturi; u

(f) dawk il-ħlasijiet li minn żmien għal żmien jiġu awtorizzati mill-Awtorità.

(7) L-operazzjonijiet u l-kontijiet tal-Fond jiġu eżaminati minn awditur maħtur mill-Awtorità.

Proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

33. Proċedimenti għal reat kontra dawn ir-regolamenti jittieħdu fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u jimxu skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

Kap. 9.

Jirrevoka l-A.L. 163 tal-1975.

A.L. 96 tal-2003.

34. B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ewwel proviso tar-regolament 58(1) tar-Regolamenti tal-2003 dwar Pilotaġġ Marittimu, ir-Regolamenti tal-1975 dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ, qegħdin b'dawn jiġu revokati.

Riserva.

35. Kull obbligazzjoni, responsabbiltà, penali jew piena imposti taħt ir-Regolamenti tal-1975 dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ, jew li jirreferixxu għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti, jew proċedimenti jew rimedji dwar xi obbligazzjoni, responsabbiltà, penali jew piena bħal dawk, m'għandhomx ikunu preġudikati b'din ir-revoka.

Dispożizzjoni transitorja.

36. Kull ċertifikat, liċenza u permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-1975 dwar il-Pilotaġġ u l-Irmiġġ, għandhom jibqgħu fis-seħħ u validi daqslikieku kienu maħruġa taħt dawn ir-regolamenti sakemm jiskadi l-perijodu tal-validità tagħhom.

SKEDA

Regolament 25

Drittijiet tal-Irmiġġ

1. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda:

"tunnellata" tfisser it-tunnellaġġ gross ta' bastiment stabbilit skond id-dispożizzjonijiet tal-*International Convention on Tonnage Measurement of Ships*, *1969*.

2. (i) Għall-irmiġġ jew ħall mill-irmiġġ ta' bastiment meta jidħol, jitlaq jew jibdel il-post tal-irmiġġ, ħlief ma' baga tal-irmiġġ, barra milli għas-servizzi speċifikati fil-paragrafi 4, 5 u 11 ta' din l-Iskeda, għandu jitħallas:

(*a*) Bastimenti ta' mhux iżjed minn 500 tunnellata €20.96

(*b*) Bastimenti ta' iżjed minn 500 tunnellata iżda mhux iżjed minn 1,000 tunnellata €25.62

(*ċ*) Bastimenti ta' iżjed minn 1,000 tunnellata iżda mhux iżjed minn 2,000 tunnellata €27.95

(*d*) Bastimenti ta' iżjed minn 2,000 tunnellata iżda mhux iżjed minn 3,500 tunnellata €32.61

(e) Bastimenti ta' iżjed minn 3,500 tunnellata iżda mhux iżjed minn 5,000 tunnellata €32.61

(*f*) Bastimenti ta' iżjed minn 5,000 tunnellata iżda mhux iżjed minn 7,000 tunnellata €34.94

(*g*) Bastimenti ta' iżjed minn 7,000 tunnellata iżda mhux iżjed minn 10,000 tunnellata €37.27

(*h*) Bastimenti ta' iżjed minn 10,000 tunnellata iżda mhux iżjed minn 15,000 tunnellata €41.93

(*i*) Bastimenti ta' iżjed minn 15,000 tunnellata iżda mhux iżjed minn 20,000 tunnellata €44.26

(*j*) Bastimenti ta' iżjed minn 20,000 tunnellata iżda mhux iżjed minn 25,000 tunnellata €46.59

(*k*) Bastimenti ta' iżjed minn 25,000 tunnellata iżda mhux iżjed minn 30,000 tunnellata €53.58

(*l*) Bastimenti ta' iżjed minn 30,000 tunnellata iżda mhux iżjed minn 40,000 tunnellata €55.90

(*m*) Għal kull 10,000 tunnellata addizzjonali jew parti minnhom iżjed minn 40,000 tunnellata €6.99

(ii) Għall-irmiġġ u ħall mill-irmiġġ ta' bastimenti f'*The Dolphins* fil-Port il-Kbir, għandhom jitħallsu r-rati li ġejjin b'żjieda ma' dawk speċifikati fil-paragrafu (i):

(*a*) Għal bastimenti ta' mhux iżjed minn 6,000 tunnellata €23.29

(*b*) Għal bastimenti ta' iżjed minn 6,000 tunnellata €29.12

3. Għall-irmiġġ jew ħall mill-irmiġġ ta' bastimenti ma' baga tal-irmiġġ, barra mis-servizzi speċifikati fil-paragrafi 4, 5 u 11 ta' din l-Iskeda, għandu jitħallas dritt ta' €69.88

4. Fuq talba għal xi servizz ieħor ta' rmiġġ li ma jkollux x'jaqsam mal-irmiġġ jew mal-ħall mill-irmiġġ ta' bastiment meta jasal, jitlaq jew jibdel l-irmiġġ, għandhom jitħallsu:

(*a*) ir-rati li hemm fil-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda għal bastimenti rmiġġati mal-moll mill-poppa;

(*b*) nofs ir-rata li hemm fil-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda għal bastimenti rmiġġati minn tulhom mal-moll; u

(*ċ*) ir-rati li hemm fil-paragrafu ta' din l-Iskeda għal bastimenti rmiġġati ma' baga.

5. Jekk f'xi wieħed mis-servizzi speċifikati fil-paragrafi 2, 3, 4 u 11 ta' din l-Iskeda gaj tal-irmiġġ jitħallew jistennew jew minħabba dawk is-servizzi jinżammu fi kwarantina f'xi post għal aktar minn sagħtejn, għandhom jitħallsu d-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(*a*) mit-tieni sa l-erbgħa u għoxrin siegħa, kull siegħa jew parti minnha..... €1.40 kull raġel

(*b*) wara dan, kull erbgħa u għoxrin siegħa jew parti minnhom ..... €23.29 kull raġel

6. Dwar dawn is-servizzi tal-irmiġġaturi li ġejjin, għandhom jitħallsu dawn id-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(*a*) għal maniġġar taċ-ċima mill-gaj ta' fuq id-dgħajsa..... €23.29 għal kull ċima

(*b*) għal maniġġar taċ-ċima bl-idejn..... €11.65 għal kull ċima.

7. Għandhom jitħallsu drittijiet addizzjonali ta' rmiġġ jew ta' ħall minn irmiġġ bir-rata ta' 15% fuq ir-rati dovuti dwar servizzi mogħtija bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx u fil-Ħdud u btajjel pubbliċi.

8. Meta talba għal servizz ta' rmiġġ jew ta' ħall minn irmiġġ titħassar, għandhom jibqgħu dovuti dawn id-drittijiet:

(*a*) meta avviż ta' tħassir jingħata iżjed minn sagħtejn qabel ma jkollha tibda l-manuvra ..... Ebda ħlas

(*b*) meta avviż ta' tħassir jingħata matul is-sagħtejn ta' qabel ma jkollha tibda l-manuvra ..... 25% tar-rata *standard*

(*ċ*) meta l-irmiġġatur ikun, wara li ssirlu talba, imbarka bastiment biex jagħmel manuvra li wara titħassar..... 50% tar-rata *standard*

9. Meta l-irmiġġaturi jinħtieġu li jaħdmu xogħol żejjed, jiġifieri xogħol iktar mis-sigħat tax-xogħol tas-soltu tagħhom, għandu jitħallas €23.29 għal kull irmiġġatur għal kull manuvra.

10. Dwar bastimenti li ma jbaħħrux weħidhom, għandu jitħallas għall-irmiġġaturi €93.17 għal kull manuvra jkun kemm ikun l-għadd tal-irmiġġaturi.

11. Ir-rati kollha għal irmiġġ jew ħall mill-irmiġġ ta' bastiment għandhom ikopru kull għadd ta' sigħat meħtieġa li jsiru minn kull wieħed mill-persunal tal-Korp tal-Irmiġġaturi.

12. Għal kull servizz ieħor partikolari ta' rmiġġ li m'hemmx provdut speċifikament xort'oħra għalih f'din l-Iskeda, id-drittijiet li għandhom jitħallsu jiġu stabbiliti mill-Awtorità li għandhom, kemm jista' jkun, ixebbaħhom mad-drittijiet dovuti speċifikati f'din l-Iskeda.